# Mattia Preti, Santa Katerina u ż-Żejtun

Kitba tal-Kan. Joe Abela



*Mattia Preti miet 300 sena ilu.*
*Għal mijiet ta' snin influwenza l-pittura fil-knejjes tagħna.*
*Pitter diversi episodji mill-ħajja ta' Santa Katerina.*
*Il-Kwadru Titulari tal-Martirju fiż-Żejtun hu xogħol Giovanni Antonio Mamo fuq dak ta' Mattia Preti.*



*Statwa ta' Mattia Preti fl-Italia. Hu għex f'Malta għal bosta snin u miet eżattament 300 sena ilu.*

Bħalissa qegħdin isiru f'Malta u wkoll barra minn Malta, diversi attivitajiet biex ifakkru għeluq it-300 mitt sena mill-mewt tal-famuż pittur Taljan Mattia Preti, li miet eżattament fit-3 ta' Jannar 1699, wara li l-aħħar 38 sena minn ħajtu għaddihom f'Malta, fejn ukoll miet. Jinsab midfun fil-Kon Kattidral. ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

## Qawmien Artistiku

Fi żmien l-aħwa Gran Mastri Rafel (1660-63) u Nikol Cottoner (1663-80), Malta għaddiet minn qawmien fl-arti, b'mod speċjali fil-pittura taħt l-influwenza ta' Preti, li kien hawn Malta għall-ħabta tas-sena 1661. Nistgħu ngħidu li barra minn ftit xhur fis-sena 1608, meta kellna fostna lill-magħruf Caravaggio, il-Gżejjer Maltin kienu baqgħu maqtugħa mill-arti Ewropea għall-parti l-kbira tas-seklu (XVII) qabel il-miġja ta' Mattia Preti fostna. Kien għadu ma nibet ebda pittur Malti ta' kalibru għoli, u l-Ordni kien iħobb iġib hawn Malta xi pittur Taljan għal xogħol ta' tpinġija. Iżda fl-aħħar snin tas-seklu XVII kellna qawmien artistiku ġmielu, qawmien li kompla jikber u jiżdied fis-sekli ta' wara, meta xogħlijiet ta' Mattia Preti komplew jiddominaw il-pitturi ta' warajh matul iż-żmien kollu ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta.

## Min kien Mattia Preti?

Mattia Preti twieled f'Taverna, Calabria, l-Italja, fis-sena 1603. Minħabba f'hekk ġieli nsibuh bħala "Il Calabrese". Bħala pittur kien influwenzat ħafna minn Caravaggio u l-istil Venezjan. Il-kwadri tiegħu għandhom rikkezza ta' kuluri, barra li jixhdu li kien disinjatur tajjeb. Qabel ġie Malta kien diġa magħruf sewwa f'Ruma u Napli. L-Ordni kienet qiegħda tfittex pittur tajjeb biex ipinġi s-saqaf tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Jista' jkun li Preti ġie mħajjar l-ewwel biex jiġi hawn Malta

mill-Kavallieri Taljani, biex ipinġilhom il-knisja tagħhom ta' Santa Caterina d'Italia fil-Belt Valletta. Bħala sinjal ta'gratitudni għax-xogħol li ħadem għall-Ordni, hu ġie wkoll maħtur Kavallier. Kien pittur tassew kbir u ta' fama nternazzjonali. Ma niżbaljawx jekk ngħidu li kien mhux biss kapaċissimu, iżda wkol ħafna prolifiku. M'hemmx dubju li kien wieħed mill-akbar rigali li l-Ordni ta' San Ġwann tat lil Malta.

**Ħidma Kbira ta' Preti f'Malta**

Preti għex f'Malta matul is-snin tal-maturita` tiegħu, snin li kienu numerużi. Minħabba f'hekk, l-aqwa xogħlijiet tiegħu jisabu f'dawn il-gżejjer. M'hemmx dubju lil-aqwa xogħol tiegħu hu l-ħajja ta' San Ġwann Battista li hu pitter direttament fuq is-saqaf tal-knisja ta' San Ġwann, barra l-ħafna qaddisin li jidhru ħdejn it-twieqi, kwadri tal-artali u kwadri oħra fl-Oratorju. Ħadem ukoll f'ħafna parroċċi barra mill-Belt Valletta. Huwa mpossibli li hawnhekk nagħtu l-lista tax-xogħlijiet tiegħu kollha, iżda ta' min isemmi l-Kunċizzjoni f'Sarria, il-Furjana; il-martirju ta' San Lawrenz fil-Birgu; Sant'Anton Abbati viċin il-Palazz Verdala, il-Buskett; Nawfraġju ta' San Pawl, il-Kattidral, l-Imdina; il-Kwadru titulari ta' San Nikola, is-Siġġiewi; San Ġwann Elemozinier, li dari kien f'San Ġwann t'Għuxa, Bormla; Sant'Andrija u l-martirju ta' San Stiefnu fiż-Żurrieq; u San Ġorġ, fir-Rabat, Għawdex. Dan biex inkunu semmejna ftit ferm mill-ħafna opri sbieħ tiegħu.



*Mattia Preti, "Il-Martirju ta' Santa Katerina", Kwadru fil-knisja "Santa Caterina d'Italia", il-Belt Valletta. Fuq dan Giovanni Antonio Mamo pitter il-kwadru titulari taż-Żejtun.*

**Kwadri ta' Santa Katerina**

Suġġett li kien ħafna għal qalb Mattia Preti kien il-ħajja u l-martirju ta' Santa Katerina, li tagħha hu pitter minn ta' l-inqas erbgħa mill-aqwa kwadri tiegħu li jinsabu hawn Malta. Fost il-kwadri ta' l-artali li għandu f'San Ġwann, naraw iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katerina ma' Ġesu`. Tidher l-influwenza tal-Veronese fl-Accademia ta' Venezja u l-użu tad-dawl ifakkrek f'Caravaggio. Santa Katerina u r-Rota hu s-suġġett tal-kwadru titulari taż-Żurrieq, fejn Mattia Preti għex għal xi żmien biex jaħrab mill-pesta tal-1676. Fil-Kompożizzjoni tiegħu dan il-kwadru hu ħafna oriġinali. Anġlu jeħles lill-qaddisa, waqt li ieħor ikisser ir-rota b'xabla taqbad. Fil-Mużew ta' l-Arti, Valletta, hemm sala ddedikata lil Mattia Preti, u hawn jiddomina l-kwadru sabiħ tal-Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katerina, fejn il-pittur juri l-kapaċita` tiegħu kollha. Dan il-kwadru ġej mill-kollezzjoni tal-Palazz, u jista' jkun li, skond xi sinjali li jidhru, għall-ewwel kien ġej il-martirju ta' San Pawl.

**Il-Martirju f'Santa Caterina d'Italia**

Lilna ż-Żwieten, l-aktar li jinteressana hu l-kwadru sabiħ tal-martirju tal-qaddisa li Preti pinġa għal Santa Caterina d'Italia, il-kappella tal-Kavallieri Taljani fil-Belt Valletta. Dan il-kwadru li għoġob ħafna lill-Kavallieri, ifakkrek f'xogħol simili ta' Preti f'San Pietro a Maiella. Sbieħ huma l-uċuħ ovali tal-figuri femminili. L-effett tal-libsa ħamra



*Mattia Preti, "L-Għerusija ta' Santa Katerina", Kwadru fil-Kon Kattidral ta' SanĠwann, il-Belt Valletta.*

ta' l-ispettatur in-naħa t'isfel, u l-libsa dehebiena ta' Santa Katerina, hu emfasizzat fuq is-sema kaħlani. Il-qaddisa tidher f'mument ta' komunikazzjoni serena mal-Ħallieq tagħha. Il-ħarsa tiegħek hi diretta 'l fuq lejn il-figura ċentrali ta' Santa Katerina. Veru li l-figuri jimlew il-kwadru kollu, iżda l-pittur irnexxielu bl-użu tad-dellijiet jiżola l-figura tal-qaddisa martri mill-personaġġi l-oħra.

**Il-kwadru fiż-Żejtun**

Il-kwadru titulari fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun hu kopja ta' dak ta' Preti f'Santa Caterina d'Italia. Sa ftit ilu ħadd ma kien jaf sewwa min kien il-pittur li pinġieh. Xi wħud, mingħajr ebda prova serja, kienu jattribwuh lil Stefano Erardi. Sakemm jien irnexxieli nsib fl-Arkivju Parrokkjali r-reġistru tal-kontijiet ta' l-ispejjeż li saru fil-kor tal-knisja, fejn bejn l-1729 u l-1732 ħadmu diversi artisti, fosthom l-iskultur Pietro Pawlu Żahra u ibnu l-pittur Francesco. Ma' dawn ħadem il-pittur Giovanni Antonio Mamo u kien hu li pinġa l-kwadru ta' Santa Katerina fis-sena 1729. Mamo jissemma diversi drabi għax il-prokuratur kien iħallsu bin-nifs. Aktar tard insibu lil dan Mamo jaħdem ma' Francesco Żahra fis-Sepulkru tal-Kattidral, l-Imdina.

Dan li jagħmel sabiħa lir-riċerka storika: li jirnexxielna nitgħallmu affarijiet li qabel qatt ma nkunu smajna bihom.



*Mattia Preti, "Santa Katarina meħlusa mill-qilla tar-rota", kwadru fil-knisja parrokkjali taż-Żurrieq.*